MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 47/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Amrou Mohammed El Taieb Ibrahim Awkil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Amrou Mohammed El Taieb Ibrahim Awkil talli gewwa l-Floriana nhar-is 7 ta' Gunju 2006 ghall-habta tat-3.00 p.m.:

(1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra P.C. 210 Salvatore La Grasta, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u kkagunalu griehi ta' natura hafifa

fuq il-persuna tieghu skond kif medicament iccertifikat minn Dr. Miriam Camilleri MD Med Reg. No. 2866 mic-Centru tas-Sahha ta’ Floriana;

(2) Fl-istess data, lok u hin ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq P.C. La Grasta, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(3) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-imsemmi ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel id-dmirijiet tieghu u izjed ma halliex jew b’mod iehor fixkel lill-Pulizija milli jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

(4) Fl-istess data, lok u hin volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied jew mod iehor;

(5) Sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Amron Mohammed El Taieb Ibrahim Awkil mhux hati tal-hames imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 338(dd) u (ee) tal-Kap. 9, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-Artikolu 22 tal-Kap 446 “u dan wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kienx lest li joqghod taht kundizzjonijiet f’kaz li jkun liberat u wiegeb fl-affermattiv”;

Rat ir-rikors ta’ appell tal l-Avukat Generali pprezentat fit-13 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba

kontrih u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu kundizzjonalment u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta' l-Avukat Generali dwar il-piena peress illi jqis li dik erogata ma kinitx, fix-xorta jew kwantita` taghha, dik ikkontemplata fil-ligi. L-aggravji tieghu f'dar-rigward huma tnejn li ser jigu kkunsidrati *seriatim*:

(1) L-appellant jghid li sabiex l-ewwel Qorti setghet tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kellha tkun tal-fehma li fil-qies tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluz ix-xorta tar-reat u l-karattru tal-hati, ma jkunx spedjenti li twahhal piena u ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-komunita` jew ordni ta' *probation* u servizz ma jkunux adattati. Minkejja li tali fehma hija tassattiva, is-sentenza appellata ma turix jekk dik il-Qorti kellhiex tali fehma jew le u l-anqas ghaliex ma kinux spedjenti xi wahda mill-mizuri l-ohra kontemplati fil-Kap. 446. Tali nuqqas jikser id-disposizzjoni tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 li japplika *mutatis miutandis* t-tieni izda tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 li tobbliga lill-Qorti li tkun qed tapplika tali mizura sabiex b'mod car fl-ordni jew sentenza taghha, tiddikjara c-cirkostanzi li a bazi taghhom il-Qorti ghazlet li tapplika l-mizura tal-liberazzjoni kondizzjonata.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi huwa rakkommandabbli illi Qorti tindika x'ikun wassalha biex tapplika l-mizura tal-liberazzjoni kondizzjonata (*conditional discharge*). Izda l-ligi stess ma timponix fuq il-Qorti l-obbligu li taghti dawk ir-ragunijiet. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jipprovdi, *inter alia*, hekk: **"Id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm ma' l-artikolu 7(2) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw ghal dan is-subartikolu"**. Il-proviso rilevanti ta' l-artikolu 7(2) huwa <u>l-ewwel</u> proviso u mhux it-

tieni wiehed kif issottometta l-appellant. Dan l-ewwel proviso jipprovdi hekk: **“Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jezistu cirkostanzi, li ghandhom jigu dikjarati b’mod car fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-hati jitqieghed taht ordni ta’ *probation* fil-kaz ta’ reat li, minbarra xi zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta’ htija precedenti, ikun punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba’ snin izda mhux ghaxar snin, il-qorti tista’ taghmel ordni ta’ *probation***”. Dan ifisser li l-Qorti hi marbuta li ssemmi c-cirkostanzi li jkunu wassluha biex taghmel ordni ta’ *probation* jew ordni ta’ liberazzjoni kondizzjonata meta l-piena tkun teccedi seba’ snin izda mhux ghaxar snin. Fejn il-piena ma teccedix seba’ snin prigunerija, m’hemm l-ebda obbligu fuq il-Qorti li tispjega x’inhuma c-cirkostanzi li wassluha biex tapplika mizura u mhux ohra fil-Kap. 446. Naturalment, kif inghad, huwa rakkommandabbli li jkun hemm indikazzjoni peress illi dan jista’ jiffranka appelli inutili u, f’kaz ta’ appell, jippermetti lil din il-Qorti tifhem ir-*ratio* tad-decizjoni li tkun ittiehdet.

Issa, f’dan il-kaz l-ebda reat addebitat lill-appellant ma jgorr mieghu piena in eccess ta’ seba’ snin prigunerija. L-aktar piena serja hi dik dwar l-ewwel imputazzjoni li titla’ ghal massimu ta’ sena prigunerija. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu li taghti r-ragunijiet jew tispjega c-cirkostanzi li wassluha biex tapplika l-mizura li effettivament applikat. Huwa ovvju li ma kinitx tapplika tali mizura li kieku ma kinitx “tal-fehma” li tapplikaha.

Din il-Qorti nnutat illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li “staqsiet lill-imputat jekk kienx lest li joqghod taht kundizzjonijiet f’kaz li jkun liberat u wiegeb fl-affermattiv”. Il-ligi ma tippreskrivi l-ebda obbligu fuq il-Qorti biex issaqsi imputat jekk iridx joqghod taht ordni ta’ liberazzjoni kondizzjonata. L-obbligu li ghandha l-Qorti hu, skond is-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 22 tal-Kap.446, li qabel ma taghmel tali ordni, **“tfisser lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk il-hati jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, il-hati jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali”** – mhux, mela, li ssaqsieh jekk iridx joqghod taht tali ordni. Dan l-

obbligu invece jezisti fejn il-Qorti jkun jidhrilha opportun li taghmel ordni ta' *probation*, f'liema kaz ma tistax taghmel dik l-ordni jekk il-hati li ma jkollux inqas minn erbatax-il sena **"ma jesprimix ir-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigiet ta' dik l-ordni"** (art. 7(7) tal-Kap. 446).

(2) Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni illi ma jirrizultawx ragunijiet u cirkostanzi, hekk kif previst mill-Att dwar il-*Probation*, li a bazi taghhom Qorti tista' temmen li mhuwiex spedjenti li tigi nflitta piena ta' prigunerija. Jghid li l-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi u tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. F'dar-rigward jirreferi ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diverament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Josianne Bonello** tas-16 ta' Jannar 2003 u **Il-Pulizija v. Ivan (John) Felice** ta' l-4 ta' Gunju 2002. Inoltre jirreferi ghas-sentenza ta' din l-istess Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** tad-9 ta' Settembru 2002 fejn gie enfasizzat li kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta` fuq il-persuna b'effett immedjat.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-gurisprudenza citata mill-appellant. Pero`, kif osserva l-appellat, huwa ilu minghajr helsien mill-arrest minn mindu tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex iwiegeb ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, u cioe` mit-8 ta' Gunju 2006.
Minn ezami ta' l-atti jirrizulta illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2006 quddiem l-ewwel Qorti, Dott. Joseph Brincat ghall-appellat (allura imputat) eccepixxa d-demenzja temporaneja ta' l-appellat ghall-inqas fil-mument tal-kummissjoni ta' l-allegati fatti. Dik il-Qorti ghalhekk ordnat perizja psikjatrika u nnominat ghal dan l-iskop lill-psikjatri Dr. Joseph Spiteri, Dr. Anton Grech u Dr. Joseph Vella Baldacchino kif ukoll ordnat li l-appellat ikun rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli. Ir-rapport psikjatriku gie pprezentat fit-28 ta' Settembru 2006 mnejn jirrizulta li l-psikjatri ma sabu l-ebda evidenza li l-appellat ibati minn mard mentali li jaffettwa l-kapacita` tieghu *di intendere e di volere*. Kif

jirrizulta mix-xiehda taghhom, huma eskludew ukoll li hemm *diminished mental responsibility*. Il-kumpilazzjoni tal-provi mbaghad bdiet fid-9 ta’ Novembru 2006. Fis-16 ta’ Jannar 2007 l-Avukat Generali baghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’indikazzjoni ta’ l-artikoli li dehrlu li l-appellat seta’ jinstab hati tahthom sabiex jigi ggudikat minn dik il-Qorti. Fl-1 ta’ Frar 2007 l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlief l-ahhar wahda (dik tar-recidiva) u nghatat is-sentenza appellata.

Mill-atti ma jirrizultax illi l-appellat qatt inghata helsien mill-arrest. Certament l-ewwel Qorti kienet konxja tal-fatt illi l-appellat kien ilu diga` zmien minghajr helsien u kienet ukoll konxja tas-serjeta` ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat kif rizultanti mix-xiehda li hija stess kienet semghet u kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa mit-traskrizzjonijiet ta’ dik ix-xiehda fil-process. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat li sallum l-appellat ilu minghajr helsien ghal kwazi hdax-il xahar, li ordni ta’ liberazzjoni kondizzjonata hija mizura permissibbli mil-ligi u li l-ewwel Qorti setghet ghalhekk tapplikaha, u li tali mizura ghandha effett ta’ deterrent peress illi jekk l-appellat jikkommetti reat iehor fil-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reati odjerni, u cioe` sentenza ta’ prigunerija, tqis li m’hemm l-ebda raguni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reati odjerni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------